Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 89 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi

Vs

Dorianne Camilleri

Illum 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Dorianne Camilleri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 537783 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-31 ta' Mejju, 2011 ghal habta tas-2.35 ta' wara nofs inhar fi Triq l-Mdina, Attard, waqt li kienet qed issuq vettura bil-mutur, tal-ghamla Peugeot 407, bin-numru ta' registrazzjoni DOR 830;

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat il-mewt ta' Alfred Zahra mill-Msida, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 795847 (M); Artikolu 225 (1) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat wkoll offiza gravi per durata fuq il-persuna ta' Carmela Zahra mill-Msida detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 402736 (M) skond kif iccertifika Dr. Alan Drago MD (Registration Number 2647) mill-Isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra; Artikolu 225 (2) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat offizi gravi per durata li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Carmela Zahra mill-Msida detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 402736 (M) skond kif iccertifika Dr. Alan Drago MD (Registration Number 2647) mill-Isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra; Artikolu 226 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat offizi gravi per durata fuq l-imsemmija Carmela Zahra li kienet ghalqet l-eta' ta' sittin sena; Artikolu 222 A (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura bil-mutur tal-ghamla Peugeot 407 bin-numru ta' registrazzjoni DOR 830 b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b' mod perikoluz; Artikolu 15 (1) (a) Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmija Dorianne Camilleri milli jkollha jew tottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti gie mitluba ukoll biex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata biex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:

1. 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligjiet ta' Malta; u
3. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti fil-waqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet, u filwaqt li ma sabitx lill-imputata hatja tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz mill-liema addebieta giet liberata, wara li rat l-artikolu 225 (1) (2) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-impuatat hatja ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal serwqan traskurat u bla kont u ikundannata hames snin prigunerjia u skwalifikata minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' hames snin liema perjodu jibda jiddekorri wara li hija tkun skontat il-perjodu ta' prigunerija impost permezz ta' din is-sentenza. Inoltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed ordnat lill-imputata biex thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2401.77 rapprezentanti a spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Dorianne Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn giet illiberata mill-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz kif ukoll f' dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberaha minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

a. **Dwar l-apprezzament tal-provi marbuta mal-ewwel, it-tieni (sic!) u l-hames imputazzjonijiet msejjes principalment fuq assunzjonijiet u kongetturi**

L-appellanti ssostni li l-apprezzament tal-provi, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellux isir b' mod spezzetat u individwali izda l-provi kellhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex imbaghad il-gudikant seta' jara x' interpretazzjoni ragjonevoli u legali setgha jaghti lil tali provi migbura. Ghaldaqstant l-esponenti tikkontendi illi hija ma setghetx tinstab hatja semplicement fuq analizi individwali u separata tal-provi. Tali provi kellhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Fin-nuqqas li jigri hekk, l-apprezzament tal-provi jsehh a bazi ta' assunzjonijiet u kongetturi kif fil-fatt gara f' dan il-kaz.

L-Ewwel Qorti osservat li l-prosekuzzjoni ma pproducietx xiehda okulari ghal dan l-incident sfortunat oltre l-istess appellant u l-Ewwel Qorti kellha toqghod fuq il-verzjoni tal-esponenti u kif tali verzjoni skond l-Ewwel Qorti ma kienetx tinsab ikkorobborata mill-provi indizzjarji ohra.

L-imputazzjonijiet li taghhom instabet hatja l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti jitkellmu, ossia l-artikolu 225(1), 225(2) tal-Kodici Kriminali u artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellmu fuq il-kuncett ta' negligenza. Fil-fatt artikolu 225 jitkellem fuq "*nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta'*

*tharis ta' regolamenti"* filwaqt li l-Kap 65 jitkellem fuq sewqan "*b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b' mod perikoluz."*

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.

*Di piu'* il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "**it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."** Il-Professur Mamo kompli jsostni li **"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"** [1]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Richard Grech' [2] gie

[1] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[2] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika **"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."** Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' Pulizija vs Perit Louis Portelli' [3] gie stipulat li:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.**

**Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"**

[3] Deciz anhar l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imhallef J. Flores

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet : Il-Pulizija v Peter Stroud[4], il-Qorti ccitat dak illi qal Archbold fil-*' Criminal Pleading, Evidence and Practice*' :

**"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."**

L-Archbold fil-parti fejn jitkellem dwar Causing Death by Careless, or Inconsiderate Driving jghid li:

**"The elements of this offence that the prosecution must prove are that:**

**—the defendant was the driver;**
**—the vehicle was being driven;**
**—the vehicle was a mechanically propelled vehicle;**
**—the vehicle was being driven on a road or other public place;**
**—the vehicle was being driven without due care and attention; or**
**—the vehicle was being driven without reasonable consideration for other persons using the road or place;**
**—the death of another person is caused by that driving."**

[4] Per Onor. Imhallef M. Mallia

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah *"proper look out"*. Gie ritenut li:

**"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."**[5]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, **"... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."**[6]

Jigi mfakkar f' dan l-istadju li anke f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha *beyond reasonable doubt*. In segwitu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu legali li, a bazi tal-provi prodotti mil-prosekuzzjoni, tanalizza jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kienux jippermetu lill-appellanti li tintebah minn qabel bil-konsegwenzi tal-agir taghha. *Di piu'* , anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, l-appellanti ma zammetx il-*' proper look out'* u l-provi prodotti jindikaw li anke kieku tali *' proper lookout'* inzamm xorta wahda kien isehh dan l-incident, mela allura l-appellanti ma setghetx tinstab hatja stante li l-incident ma kienx wiehed prevedibbli.

[5] Pulizija vs Roderick Debattista deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef

[6] Deciza nhar is-6 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Qabel xejn, ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, ghandu jigi mfakkar kif skond il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku Emmanuel Camilleri[7] mahtur fl-in genere sabiex jistabiliixxi l-fatti, ikkonkluda li:

**"Illi t-triq fejn sehh l-incident stradali u cioe Triq l-Imdina, H' Attard hija triq principali, main thoroughfare, li minnha t-traffiku hu mistenni li jsuq b' heffa.**

**Illi gie wkoll osservat ulterjorment li t-triq hija telgha hafifa lejn ir-Rabat"**

**"Illi l-incident sehh ftit passi ' l fuq mill-Y Junction, li tinsab fi Triq l-Imdina ma' Triq iz-Zaghfran, precizament bejn it-traf tas-centre strip u l-istabbiliment Art At Home"[8].**

U di piu` li l-appellanti, skond dan l-espert:

**"Qabzet it-triq li taghti ghal-Haz-Zebbug, giet fit-telgha u kompliet fil-lane ta' barra jigifieiri baqghet fuq l-istess lane"[9].**

Hija l-fehemha tal-esponenti, li l-Ewwel Qorti ghal ragunijiet mhux mifhuma u li ma humiex spjegati fis-sentenza, skartat kompletament, il-konkluzzjonijiet tal-espert.

---

[7] Vide fol. 4 u fol. 107 tal-Atti Processwali rispettivament
[8] Vide fol. 104 u 105
[9] Vide fol. 111

Minkejja l-fatt illi t-triq hija telgha u li s-sewwieqa huma mistennija li jsuqu b' heffa minn din it-triq kemm ir-relazzjoni Tal-A.I.C. Richard Aquilina kif ukoll dik tal-espert tekniku Joseph Zammit jindikaw illi **"fl-istess triq fil-vicinanzi tal-incident ma nstabu l-ebda brake marks jew xi impronti ohra konnessi mal-incident"[10].**

L-Ewwel Qorti meta giet sabiex tgharbel il-provi, sahqet a folio 4 tas-sentenza u tat x' tifhem li l-hsarat tal-vettura kienu kbar hafna ghaliex infaqa l-windscreen. Din l-assunzjoni hija meruta mill-istess espert Zammit fejn huwa in kontro-ezami nhar is-26 ta' Ottubru, 2015 jishaqq li **"bhala hsara ma kienx hemm hsara estensiva as such."[11]**

Dan kollu jikkorrabora l-verzjoni tal-esponenti illi hija ma kinetx qed issuq il-vettura taghha b' velocita' eccessiva u li qatt ma bidlet il-karreggjata taghha u di piu` aktar importanti minn hekk min fejn qasmu l-vittimi.

Minkejja dan kollu l-Ewwel Qorti fid-decizjoni kkontestata stipulat li l-hsarat fil-vettura tal-imputata huma indikattivi ta' impatt qawwi hafna u li l-vittmi qasmu minn fuq il-bankina bil-kontra ta' dak li ssostni l-esponenti u l-esperti.

L-appellanti ssaqsi, jekk skond l-Ewwel Qorti hija kienet qed issuq b' velocita' eccessiva, kif tista' tispjega l-fatt li l-esperti teknici kkonkludew li l-hsarat mhumiex estensivi u l-fatt illi ma nstabu l-ebda tracca ta' xi *brakemarks* fuq il-post tal-incident?

[10] Vide fol. 17 u 35 tal-Atti Processwali
[11] Vide fol. 284 tal-Atti Processwali

L-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ssib lill-imputata hatja li kkawzat offizi involontarji ghaliex skond l-assunzjoni tal-istess Qorti, l-esponenti kienet qed issuq b' certu velocita' fejn l-appellanti naqset milli *zzomm* il-*' proper lookout'* mehtiega. Bl-umilta' kollha, l-appellanti ma' tali kongettura ma tista` qatt taqbel.

Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ssostni illi ma tistax taghti kredibilita' lix-xhieda tal- appellanti. Fl-ewwel lok kemm waqt il-kors tal-inkjesta kif ukoll waqt id-deposizzjoni taghha ta' nhar il-15 ta' Gunju, 2016, l-esponenti dejjem sostniet illi l-vittmi qasmu minn mas-centre strip u mhux mill-bankina. Ghall-kuntrarju l-Ewwel Onorabbli Qorti tiddeciedi illi ma temminx lill-esponenti a bazi tal-fatt li "**la darba l-ahwa Zahra kienu sejrin mid-direzzjoni tal-iskola (li qieghda fi Triq Hal-Warda) ghal Triq Hafur wiehed jista' <u>jissoponi</u> li huma kienu qed jaqsmu Triq l-Imdina min-naha tac-centru ta' Attard... Dan jindika li l-ahwa Zahra kienu qed jaqsmu mill-bankina u mhux minn hdejn ic-centre strip (sottolinear tal-esponenti)"**[12]

Bir-rispett kollu l-esponenti ma tistax taqbel ma' din il-kongettura. Skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika. ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju[13]. Din hija kawza tipika fejn il-Prosekuzzjoni lahqet biss il-grad tal-prova fuq livell tal-possibli, li lanqas f' kamp civili, jew sahansitra dak amministrattiv, ma jregi – ahseb u ara fil- kamp penali.

*Di piu'* l-perit tekniku Emanuel Camilleri fir-rapport tieghu a fol. 108 jikteb illi, "**gie osservat ukoll li l-ispot of impact <u>probabbilment</u> kien**

[12] Vide fol. 2 u fol. 7 tas-Sentenza kontestata
[13] Vide a tali propositu Carmel Saliba v. Malta [App. No(s).24221/13], deciza mil-ECHR: 29/11/2016

**fejn instabu l-qtar tad-dehem"** (sottolinear tal-esponenti). Kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti tat widen ghal dak li stqarr dan il-perit tekniku, kif ukoll hadet konjizzjoni tar-relazzjoni u r-ritratti li ha s-*scene of the crime officer* PC 6 Duncan Demicoli a fol. 207 *et. seq.* kienet tinduna li l-verzjoni li tat l-esponenti hija l-verita` kollha.

Fil-fatt ir-ritratti b' numru ta' referenza **111033- 11 BNS 104, 111033- 11 BNS 105**[14] kif ukoll **111033- 11 BNS 106** juru illi tali dmija jinsabu ftit metri ' l boghod mis-*centre strip* u ghalhekk dak li ssostni l-appellanti illi l-ahwa Zahra qasmu minn tali *centre strip* hija l-verita`.

Fir-rigward tal-' *proper lookout'* mehtiega, l-appellanti tikkontendi illi hija zammet tali attenzjoni necessarja kif ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tifhem u tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz *de quo* fosthom li kien hemm vetturi ohra quddiem dik tal-esponenti u li dawn facilment setghu jxekklu l-vizjoni tal-esponenti. Inoltre l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' diversi fatturi ohra fosthom id-distanza zghira li kienet tezisti bejn il-karozza tal-esponenti u c-*centre strip* stante li l-appellanti kienet qieghda ssuq fuq il-karregjata tal-lemin, ossia dik vicina tac-*centre strip.*

Kieku l-Ewwel Qorti hadet dawn ic-cirkustanzi kollha in kunsiderazzjoni u tathom l-importanza misthoqqa u wiznithom skond il-ligi u mhux irrimpjazzathom b' assunzjonijiet, kieku, l-Ewwel Qorti kienet tikkonkludi kif tali incident ma kienx wiehed li setgha jigi evitat, irrispettivament mill-attenzjoni li s-sewwieqa kienet qieghda zzomm, u rrispettivament minn min kien qed isuq il-vettura meta qasmu t-triq is-sinistrati.

[14] Vide fol. 212-213 tal-Process

Fil-fatt l-esponenti, waqt id-deposizzjoni taghha a fol. 315 tal-atti processwali, stqarret taht gurament illi **"x' hin il-vann [ta' quddiemi] mexa, jiena mxejt and all of a sudden ... qishom bhal waqghu missema; sibthom mal-windscreen."** L-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx tali verzjoni a bazi ta' zewg ragunijiet principali, cioe`:

1. Waqt l-istadju tal-inkjesta, l-esponenti naqset milli ssemmi dan il-vann
2. Il-filmat esebit jikkontradixxi l-verzjoni tal-appellanti

L-appellanti qatt ma hija sejra tikkontendi l-fatt illi hija naqset milli tispecifika fl-istadju tal-Inkjesta illi wahda mill-vetturi ta' quddiemha kien vann, madanakollu ma tista' qatt taccetta dak li ppruvat, u fuq kollox irnexxielha, timplika l-Prosekuzzjoni, ossia li l-esponenti bidlet il-verzjoni taghha fuq il-pedana tax-xhieda. Ghalkemm l-esponenti, waqt l-istadju tal-inkjesta, naqset milli ssemmi li l-vettura ta' quddiemha kienet vann, l-appellanti dejjem sostniet illi **"quddiemha kellha l-karozzi zgur**."[15]

Meta, kemm waqt l-ezami kif ukoll waqt il-kontro-ezami, l-esponenti giet mistoqsija ghar-raguni li waslet sabiex dan id-dettal jithalla barra, l-appellanti stqarret illi hija kienet tinsab taht xokk qawwi dak il-hin u ma setghetx tiftakar id-dettalji kollha immedjatament. Tenut kont tal-fatti kollha li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali, l-ispjegazzjoni tal-appellanti taghmel sens u taqbel perfettament. Fil-fatt, probabbilment, tenut kont tal-fatti ta' dan il-kaz kif ukoll tal-fatt illi l-istqarrija tal-esponenti ttiehdet ftit sieghat ' l boghod mill-incident, l-esponenti setghet kienet qed tbati minn xi forma ta' "psychogenic amnesia."

[15] Vide fol. 135 tal-Atti processwali

**“Psychogenic amnesia, also known as functional amnesia or dissociative amnesia is a disorder characterized by abnormal memory functioning in the absence of structural brain damage or a known neurobiological cause. It results from the effects of severe stress or psychological trauma on the brain, rather than from any physical or physiological cause.”**[16]

**“Dissociative amnesia occurs when a person blocks out certain information, usually associated with a stressful or traumatic event. Dissociative amnesia is not the same as simple amnesia, which involves a loss of information from memory, usually as the result of disease or injury to the brain. With dissociative amnesia, the memories still exist but are deeply buried within the person’ s mind and cannot be recalled. However, the memories might resurface on their own or after being triggered by something in the person’ s surroundings.**

**Dissociative amnesia has been linked to overwhelming stress, which might be the result of traumatic events -- such as war, abuse, accidents, or disasters -- that the person has experienced or witnessed.”**[17]

Di fatti proprju ghaliex il-legislatur gharraf li tezisti din is-sitwazzjoni u kondizzjoni, l-Att dwar il-Pulizija ossia l-Kap. 164 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz tal-artikolu 17(c) jishaqq:

**“Fil-każ ta’ persuni potenzjalment vulnerabbli, (bħal persuni taħt l-influwenza ta’ mediċinali, alkohol, mediċina, jew li jkunu fi stat ta’**

[16] http://www.human-memory.net/disorders_psychogenic.html
[17] http://www.webmd.com/mental-health/dissociative-amnesia#1

**<u>xokk</u>) għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġi żgurat li <u>l-istqarrija ssir minnhom meta jkunu kapaċi japprezzaw is-sinifikat tal-mistoqsijiet u tweġibiet tagħhom</u>, u li l-istqarrija ma tkunx ir-riżultat ta' xi influwenza mhux dovuta mill-uffiċjal investigator".**

Ghaldaqstant l-esponenti temmen bis-shih illi dan in-nuqqas ta' dettal li fl-ahhar mill-ahhar ssemma waqt id-deposizzjoni taghha u li ghalih tat spjegazzjoni plawsibbli ma kellux ghalfejn itappan il-kredibilita' taghha. Jinghad bl-akbar rispett li l-kummenti dwar il-kreddibilita` ta' l-esponenti maghmula fis-sentenza appellata huma prova lampanti ta' kif il-Qorti, fin-nuqqas ta' provi dwar xi forma ta' negligenza, kellha tirrikorri ghal assunzjonijiet, kongetturi u tfettieq dwar xiehda moghtija mill-esponent fi stat prekarju.

*Di piu'* l-Ewwel Qorti stqarret illi l-filmat esebiet tul il-mori ta' dawn il-proceduri kriminali jikkontradixxi dak kollu li qalet l-esponenti. Dwar dan il-filmat li qed taghmel referenza ghalih l-Ewwel Onorabbli Qorti xehed PC45 Brian Cassar nhar is-26 ta' Ottubru, 2015.[18] Cassar, fir-rigward ta' dan il-filmat jghid:

**"L-incident jidher ' il boghod hafna u tista' tghid fix-xifer ta' fuq jigifieri tal-camera tal-istampa u kien hemm ukoll il- camera kienet qieghda ssettjata li taghmel ir-recording meta ikun hemm certu ammont ta' caqliq. Issa ghaldaqstant il-camera filli tkun qed ittrikordja u f' daqqa wahda tieqaf ghax ma' kienx hemm certu ammont ta' caqliq u imbaghad f' daqqa wahda tara ' il boghod xi hadd u nies jingabru fejn sehh l-incident."**

[18] Vide fol. 288 u 289 tal-Atti Processwali

Ghaldaqstant l-esponenti bir-ragun tistaqsi kif jista' jkun li l-Ewwel Onorabbli Qorti toqghod fuq dan il-filmat, li lanqas biss juri l-impatt tal-kolluzzjoni ghax effettivament ghandu madwar **30 sekondi nieqsa** u tiskarta kompletament ix-xhieda taghha?

Ghalkemm il-Qorti ssosstni illi "l-ispot of impact (u l-kumplament ta' debris) qieghed kwazi f' nofs il-karreggjata li jfisser li fil-mument tal-impatt, l-ahwa Zahra kienu diga mxew bicca mhux hazin…" madanankollu l-provi juru differenti. Fil-fatt ir-ritratti mehuda mis-*Scene of the Crime Officer* imeru l-assunzjoni tal-Ewwel Qorti. Kemm ir-ritratt b' numru ta' referenza 111033 – 11 BNS 128[19] kif ukoll dak b' numru ta' referenza 111033 – 11 BNS 131[20] jindikaw bic-car illi l-post li minnu ngabar tali *debris* huwa ftit passi ' l boghod mis-*' centre strip'* u mhux "kwazi f' nofs il-karregjata" kif qalet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

Ghaldaqstant, tenut kont ta' din id-distanza qasira hafna kif ukoll tal-fatt illi l-hsara sofferta mill-vettura tal-esponenti kienet fuq in-naha tal-lemin[21], ghall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-ahwa Zahra kulma kienu mxew kienu ftit passi. Dan kollu jikkorrobora max-xhieda u d-deposizzjoni tal-esponenti u allura li hija kienet qieghda taghmel il- ' *proper lookout'* necessarja u ghalkemm kienet qieghda tosserva r-regoli stradali kollha, dan l-incident ma kienx wiehed prevedibbli.

**Ghaldarb' ohra jerga jigi mfakkar kif l-espert Camilleri kkonkluda li l-incident sehh ezatt kif qalet l-esponenti.**

[19] Vide Fol. 224
[20] Vide Fol. 225
[21] Hekk kif evidenti mir-relazzjoni tal-espert tekniku Emanuel Camilleri u r-ritratti inkorporati f' dan ir-rapport a fol. 155,156 u 157 tal-Atti Processwali

Illi l-Qorti tal-Appell (sede Civili) fil-kawza fl-ismijiet : ‘ Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino’ [22], deciza fil-15 ta’ Jannar 1997 qalet illi:

**“…. f’ materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabbilta’ ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’ materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita’ u mhux l-ekwita’ u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti.”** (sottolinear tal-esponenti)

Skond l-insenjament tal-Qrati taghna, jekk l-esponenti taghzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar fil-kaz *de quo*, huwa bizzejjed ghaliha li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta’ ta’ probabbilita`.

Illi skond il-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq il-*’ pedestrians’* jistghu jkunu responsabbli ghall-konsegwenzi kkagunati lilhom stess jew lil haddiehor minhabba nuqqas ta’ osservanza tal-Ligi. Ghaldaqstant, sabiex jigu evitati tali kosegwenzi, huwa dmir ta’ kull *pedestrian* illi jevita mixi bla hsieb fil-karreggjati kif ukoll mixi f’ toroq anterjali. Dan ghaliex **“l-karreggjata qieghda l-ewwel u qabel kollox biex jghaddu minnha l-vetturi”**

Illi sabiex pedestrian jaqsam triq, l-ewwel jehtieg li jsib post bla periklu; madanakollu huwa ferm ahjar li *pedestrian* jaqsam minn postijiet mahsuba ghall-qsim. Huwa l-obbligu ta’ kull *pedestrian* illi fin-nuqqas ta’

[22] Per Onor. Imhallef J. Said Pullicino, Onor. Imhallef C. A. Agius u Onor. Imhallef J. D. Camilleri

dan il-post mahsub ghall-qsim, jaqsam minn post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawh sew.

Fil-fatt skond il-paragrafu 43 tal-Kodici ghat-traffiku fit-Triq, **"Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru ' l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x' imkien iehor"**

Fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponenti hija tal-fehma illi l-fattur kontributorju tal-ahwa Zahra, specjalment fid-dawl tal-fatt li dawn ghazlu li ma jaqsmux mill- *' pelican crossing'* li kien jinsab ftit metri ' l fuq mill-post tal-incident[23], kien il-fattur uniku u esklussiv li wassal ghal dan l-incident stradali. Fil-fatt l-esponenti temmen illi mill-provi jirrizulta illi l-incident *de quo* sehh unikament minhabba traskuragni da parti tal-ahwa Zahra li ttentaw jaqsmu triq daqshekk traffikuza b' mod daqshekk inkonswet u cioe' minghajr ma jintebhu li l-karozza tal-appellanti kienet daqshekk vicin, u dan meta ftit metri ' l boghod kien hemm *' pedestrian crossing'* li huma facilment setghu juzaw minghajr ma jipperikolaw hajjithom u minghajr ma joholqu ostaklu ghat-traffiku li kien qed jipprocedi regolarment fit-triq.

Illi dwar l-obbligu tal-pedestrian, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Alfred Caruana' [24]deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

"**Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imam ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza**

[23] Vide il-process verbal tal-Magistrat Inkwirenti a fol. 4 u fol. 6, ir-relazzjoni tal-perit tekniku Emanuel Camilleri a fol. 126 u 127
[24] Per Onor. Imhallef W. Harding

**b' mod regolari jsib ruhu f' posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih [**kif gara fil-kaz odjern] **dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian"**

Tenut kont tal-fatt illi kemm l-esponenti stess kif ukoll il-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri juru illi l-appellanti osservat ir-regoli tat-traffiku b' mod rigoruz u cioe' ma kkagunatx offizi involontarji a tenur tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u stante li ma saqitx il-vettura taghha b' nuqqas ta' kont jew bi traskuragni a tenur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti temmen li ma kelliex tinstab hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

- F' dan l-istadju u fl-isfond tas-suespost, l-esponenti tistaqsi jekk legittimament u ragjonevolment, setghetx qattx tasal ghal konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti?

- Setghu qatt il-provi jigu marbghula b' dan il-mod?

- Huwa legalment validu l-ezercizzju tal-evalwazzjoni tal-provi maghmul mil-Ewwel Qorti?

- Tista` qatt tigi kkunsidrata bhala *safe and satisfactory* is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati in kwantu dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi?

**b. <u>Dwar il-grad ta' *culpa*</u>**

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tirriskontra xi forma ta' culpa, din il-culpa tista' tkun biss culpa laevissima li, kif ser jigi spjegat, ma twassalx ghal responsabilità penali in kwantu hija ekwiparabbli mal-casus.

Illi kif gie spjegat fl-ewwel aggravju, id-dinamika ta' l-incident ma huwiex car. Il-Qorti tal-Magistrati dehrilha li kellha taghmel apprezzament tal-kredibilità ta' l-esponenti u dan minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-fatt li l-incident sehh fi ftit mumenti u kien wiehed trawmatiku ghaliha. Naturalment kien ikun ferm iktar ghaqli li kieku minflok il-verosimiljanza u l-kredibilità ta' l-esponenti, il-Qorti tat xi ftit konsiderazzjoni kemm lill-fatt li nonostante li l-ewwel dikjarazzjonijiet taghha saru f' mument trawmatiku ftit hin wara l-incident kif ukoll lill-fatt li dejjem ghamlet sforz enormi biex tiftakar ezattament kif sehh dan l-incident. Dak li ma jista' jigi kontradett minn hadd – hlief mill-Qorti tal-Magistrati li sorprendentement ma rriskontratx in-negligenza kontributorja tad-decujus – hu l-fatt li l-attentat sperikolat ta' Alfred Zahra li jaqsam triq traffikuza minn zona fejn dan l-att ma huwiex permess lill-pedestrian u fejn il-vetturi jkunu ghaddejjin b' certa velocità minghajr aspettativi legittimi li pedestrians ser jitfaccaw quddiemhom, kien l-kawza unika ta' l-impatt jew, fl-aghar ipotesi ghall-esponenti, l-kawza principali ta' l-impatt bil-kontributorjetà taghha fil-livell ta' culpa laevissima. Dan qieghed jinghad ghaliex ma huwiex oggettivament mistenni minn persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias li tipprevedi li xi hadd ser jaqsam minn dik it-triq minghajr ma jiehu l-prekawzjonijiet necessarji.

Illi fis-sentenza appellata l-Qorti ghamlet rassenja pjuttost ezawrjenti tal-gurisprudenza in materja ta' culpa. Huwa stabbilit minn din il-gurisprudenza li l-kriterju uniku sabiex tigi riskontrata l-culpa hija dik

tal-prevedibilità. Filwaqt li l-validità ta' din it-teorija hija indubitata, wiehed irid però juza certa kawtela fl-applikazzjoni taghha proprju ghaliex hija wahda li facilment tista' twassal ghal konkluzjonijiet fallaci. F' dan ir-rigward l-esponenti taghmel referenza ghal dak li qal il-Manzini[25]:

**"La dottrina più antica e più diffusa, perché più grossolana, è quella della prevedibilità, che fonda l' imputabilità a titolo di colpa sul concetta soggettivo di mancanza di previsione dell' evento, che si sarebbe potuto e dovuto prevedere.**

**"Ma tutto ciò che è possibile può accadere, e quindi si può prevedere; e se tutto quello che può essere preveduto dovesse evitarsi, l' attività individuale ne rimarrebbe talmente inceppata, che più non si farebbe se non ciò che è strettamente indispensabile all' assistenza propria. Tanto è vero che i seguaci del criterio della prevedibilità, allo scopo di evitare li iniquità cui spesso porterebbe l' applicazione pratica della loro teoria, sono costretti a ricorrere alla decrepita distinzione tra colpa grave, lieve e lievissima, equiparando arbitrariamente quest' ultima al caso fortuito. D' altra parte è assurdo rimproverare ad una persona di non aver preveduto ciò che un' altra più intelligente o prudente avrebbe potuto prevedere; la giutizia penale non chiede conto all' individuo delle sue previsioni, ma delle sue azioni od omissioni. Se poi si parla di un dovere di previsione, non si comprende come si possa affermare quest' obbligo da chi ammette l' assenza dalla mente dell' agente dell' idea dell' evento verificatosi. È manifesto che se l' agente colposo avesse non solo potuto ma dovuto prevedere l' evento voluto, non avrebbe tenuto la condotta che diede causa dell' evento medesimo o avrebbe agito con dolo. Si presuppongono così fittiziamente delle attitudini individuali, di cui il fatto dimostra che l' agente è sprovvisto.**

[25] Trattato di Diritto Penale Italiano, Volume Primo (UTET, 1985, 5° ed., pp. 798-799

**"Questa teoria, del resto, qualunque sia l' opinione dei ritardatari della nostra scienza, fu espressamente ripudiata già dal codice del 1889, ed è pure disconosciuta da quello in vigore, perché essa implica apprezzamenti e calcoli del tutto soggettivi ed arbitrari."**

Illi l-osservazzjonijiet ta' dan il-gurist illustri, li dejjem gie segwit b' attenzjoni mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali taghna, huma indubitament ta' certa portata. Sfortunatament, fis-sentenza appellata, il-Qorti ghamlet biss referenza ghal numru konsiderevoli ta' sentenzi tal-Qrati taghna li japplikaw it-teorija ta' prevedibilità minghajr ma ghamlet l-ezercizzju indispensabbli ta' l-applikazzjoni ta' din it-teorija ghall-fatti effettivament riskontrati. L-osservazzjonijiet dwar it-taghlim tal-Manzini ma humiex intizi sabiex jinducu lill-Qorti tiddipartixxi mill-applikazzjoni tat-teorija tal-prevedibilità, izda huma intizi biss sabiex il-Qorti tkun f' posizzjoni tapprezza d-diffikultajiet u l-anomaliji li tista' tohloq l-applikazzjoni ta' din it-teorija fid-dawl ta' rizultanzi fattwali bhalma huma dawk tal-kaz in dizamina.

Illi dawn id-diffikultajiet gew indirettament rikonoxxuti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmel Bugeja[26] fejn intqal li l-culpa laevissima ma hijiex raguni bizzejjed biex tinstab htija. Din hija konsegwenza naturali ta' l-accettazzjoni inkondizzjonata tat-teorija tal-prevedibilità (vide Manzini, supra). Effettivament jidher li fl-assenza totali ta' provi dwar id-dinamika ta' l-incident, ghajr ix-xiehda ta' l-esponenti, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet sillogizmu fallaci li ladarba huwa probabbli li Alfred Zahra kien qieghed jaqsam it-triq allura l-esponenti ma kienitx qed izzomm proper lookout. U dan a bazi tat-teorija tal-prevedibilità. Kif jghid il-Manzini "**tutto ciò che è possibile può accadere, e quindi si può prevedere; e se tutto quello che può essere preveduto dovesse evitarsi, l' attività individuale ne rimarrebbe talmente inceppata, che più non si farebbe se non ciò che è strettamente indispensabile all' assistenza propria**". Huwa bl-akbar

[26] Deciza nhar it-02 ta' Frar 1984

rispett b' diffikultà u bla pregudizzju ghal dak li ntqal fl-ewwel aggravju li l-esponenti tikkoncedi li fl-aghar ipotesi ghaliha, il-kondotta taghha setgha jwassal ghall-culpa laevissima li skond il-gurisprudenza u d-dottrina ma twassalx ghal reità penali. Dan qed jinghad dejjem minghajr pregudizzju ghall-fatt li n-negligenza ma tista' qatt tigi riskontrata a bazi ta' assunzjonijiet u kongetturi u minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-kliem ta' San Tumas *præstet fides supplementum* ma jiffurmawx parti mill-ligijiet ta' l-evidenza taghna.

Illi ghandu jigi wkoll rilevat li l-Qorti tal-Magistrati mhux biss ghamlet assunzjoni li Alfred Zahra kien qieghed jaqsam it triq – assunzjoni li forsi tista' tkun ragjonevoli – imma addirittura ghamlet assunzjoni addizzjonali u izjed serja dwar kif kien qed jaqsam it-triq. U dan fl-assenza ta' xi prova dwar kif kien qieghed jaqsam it-triq. Huwa evidentement fl-ambitu tal-possibbli li wiehed jaqsam triq b' mod li jissorprendi is-sewwieq b' konsegwenzi serji u anke fatali; din il-possibilità tant grat fil-passat li l-appellanti ma tahsibx li ghandha tiddilunga ruhha dwarha. Izda l-Qorti tal-Magistrati assumiet, minghajr ebda sostenn ta' prova, li Alfred Zahra kien qieghed jaqsam bil-ghaqal u b' mod li ma ssorprendiex lill-esponenti u li allura kien tort taghha li ma ratux. Bir-rispett dan kien precisament dak li kellu jigi pruvat mill-prosekuzzjoni, u cioè li ma qasamx b' mod li ssorprenda lill-appellanti u li qasam wara li ha l-prekwazjonijiet kollha necessarji. Il-fatt wahdu li ma qasamx minn fejn kien hemm il-pelican lights juri li dan ma kienx il-kaz.

c. **<u>Dwar l-akkuzi addebitati lill-esponenti u l-ezercizzju legalment zbaljat li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati</u>**

Illi dan it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex issib htija kemm f' reat u kif ukoll f' cirkostanza aggravanti li ma gewx addebitati lill-esponenti – ir-reat ta' offiza involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna

ta' Carmela Zahra u l-aggravanti li jgib mieghu dak ir-reat skond is-subinciz (2) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, indika l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali izda ma indikax l-artikolu 226 ta' l-istess Kodici. Indipendentement minn jekk din kienitx xelta voluta jew le, il-gurisprudenza fir-rigward ta' din in-nota hija cara u inkonfutabbli: il-Qorti tal-Magistrati ma tistax issib htija oltre l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu **(vide, inter alia, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Vella (12.01.1996), Il-Pulizija v. Enrico Petroni et. (09.06.1998), Il-Pulizija v. Joseph Aquilina (24.04.2002) u s-sentenza citata mill-Qorti tal-Magistrata [b' data zbaljata] Il-Pulizija v. Michael Carter (07.12.2001) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet spjegat id-distinzjoni bejn rinviju skond is-subinciz (3) ta' l-artikolu 370 u rinviju skond is-subinciz (5) ta' l-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali**).

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex issib htija fit-tieni imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva meta din l-imputazzjoni ma sssemmietx fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali. Din hija bl-akbar rispett mankanza serjissima. Il-gustifikazzjoni – jekk hekk tista' tissejjah – moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hi li d-dicitura wzata fic-citazzjoni fit-tieni imputazzjoni "hija bazata fuq dak predispost fis-subartikolu 2 ta' l-artikolu 225". Dan ir-ragunament huwa kompletament zbaljat u diametrikament oppost ghal dak li tghid il-gurisprudenza taghna in materja ta' rinviju fit-termini tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 226 ma gie qatt indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu u ghalhekk ma kellha ssir ebda konsiderazzjoni fir-rigward. Kienet ukoll zbaljata l-Qorti tal-Magistrati meta, fis-sentenza appellata, iddisponiet mill-hames imputazzjonijiet kif migjuba fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva; dawn il-

hames imputazzjonijiet gew sorvolati bin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali li kienet tipprospetta biss zewg akkuzi – dik kontemplata fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali (minghajr l-aggravanti) u dik kontemplata fl-artikolu 15(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Ma kien hemm bzonn ta' ebda astensjoni dwar it-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva u wisq inqas ma setgha jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija o meno dwar it-tieni imputazzjoni.

Illi skond gurisprudenza kostanti, meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali, in-nota ta' dan ir-rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Huwa bl-akbar rispett assurd li wiehed jipprospetta verdett tal-gurati b' dikjarazzjoni ta' htija fi tlett kapi ta' l-att ta' l-akkuza meta effettivament l-att ta' l-akkuza ikun jikkontjeni biss zewg kapi! L-argumentazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata jiddipartixxi minn kwalunkwe regola stabbilita fil-gurisprudenza kemm dwar ir-rwol tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u l-att ta' l-akkuza kif ukoll kull regola ta' logika legali u smigh xieraq.

Illi terga' fatt iktar gravi minn hekk, u presumibilment fatt indott mill-izball dwar ir-rwol tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, huwa s-sejbien ta' htija fic-cirkostanza aggravanti kontemplata fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali – il-kagunar tal-mewt ta' izjed minn persuna wahda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna tkun giet kagunata ukoll offiza fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni ohra. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li cirkostanza aggravanti trid necessarjament tigi indikata fl-akkuza. F' dan il-kaz dan ma sarx u kienet ghalhekk zbaljata l-Qorti meta sabet htija wkoll f' din ic-cirkostanza aggravanti. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell

Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri[27], l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz[28]. F' dan il-kaz l-ewwel imputazzjoni originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali indikata mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju hija riflessjoni ta' din l-ewwel imputazzjoni – imkien ma kienet tindika li c-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-imsemmi subinciz (2) ta' l-artikolu 225 kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre "l-fattispecji partikolari tal-kaz" kif prospettati fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud[29], fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess. Konferma ta' dan temergi mill-prassi kostanti segwita kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Avukat Generali li jinkludu dan l-aggravanti [ta' pussess aggravat] expressis verbis fl-akkuza jew citazzjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati kif ukoll fl-atti ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Biex tista' tinstab htija ta' l-aggravanti hemm bzonn li dan ikun jifforma parti integrali mill-akkuza.

Illi l-procedura skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x' Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

[27] Deciza nhar it-18 ta' April 2012
[28] vide wkoll, *passim*, is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. William Gatt deciza nhar is-07 ta' Marzu 2012.
[29] Deciza nhar id-29 ta' Marzu 2007

Malta) hija differenti minn dik tal-procedura ta' l-omicidju involontarju. Però il-principju, kif jirrizulta mill-partijiet sottolineati, jibqa' l-istess. Bizzejjed jinghad li fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Cini[30], fejn l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kien semma l-artikolu 279 tal-Kodici Kriminali minghajr ma iddistingwa bejn il-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) ta' dak l-artikolu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li, f' dawn ic-cirkostanzi, ghandha tqis l-anqas fost iz-zewg kwalifici tal-valur fir-reat tas-serq. Effettivament, fil-kaz in dizamina, a parti dak li nghad supra dwar il-fatt l-akkuza originali trid tigi ezaminata flimkien ma' l-artikoli citati mill-Avukat Generali ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali ma saret ebda referenza specifika ghas-subinciz (2) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali. Certament f' dan il-kaz, fejn ukoll si tratta ta' disposizzjoni dwar piena, ghandu japplika l-istess principju.

Illi, finalment, is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel k/a Noel Demicoli[31] effettivament telimina kull dubju li qatt jista' jkun hemm. F' dak il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet irriteniet li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, ma kellux ghalfejn jinkludi l-artikoli 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ghaliex dawn iz-zewg artikoli ma joholqu ebda reat per se izda huma biss artikoli li jelenkaw aggravanti tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa u ta' reati ohra. Ir-reat dedott kien dak imsemmi fl-artikolu 221 li kien gie korrettement indikat fin-nota ta' l-Avukat Generali. Ghal-massimu, il-fatt li l-Avukat Generali ma semmiex dawn l-artikoli seta' biss igib il-konsegwenza li l-Qorti ma tistax issib htija tar-reat aggravat ghall-fini tal-piena u xejn aktar.

Illi ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet kompletament zbaljata fl-argumentazzjoni taghha li l-artikolu 226 kien gie implicitament indikat

[30] Deciza nhar il-21 ta' Frar 2001
[31] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2008

mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu u, konsegwentement, fl-applikazzjoni tac-cirkostanza aggravanti msemmija fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali. Huwa fatt inkofutabbli li, skond il-gurisprudenza indikata iktar ' il fuq, in vista ta' l-imsemmija nota ta' rinviju ghall-gudizzju, il-Qorti tal-Magistrati kellha taghti decizjoni esklussivament dwar ir-reati kontemplati fis-subinciz (1) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u fil-paragrafu (a) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Kwalunkwe konsiderazzjoni oltre r-reati indikati mill-Avukati Generali kienet manifestament *ultra vires*.

**d. <u>Dwar il-mewt ta' Alfred Zahra</u>**

Illi dan l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-esponenti qatt ma setghet tinstab hatja ta' l-imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali in kwantu jirrizulta mill-atti li l-mewt ta' Alfred Zahra kienet konsegwenza ta' decizjoni tat-tobba u l-familjari li jitfu l-*life support* minhabba l-fatt li kien gie riskontrat li huwa *brain dead*. Filwaqt li ma hemmx kontestazzjoni ghall-fatt li l-*brain death* kienet il-konsegwenza ta' l-incident li sehh fil-21 ta' Mejju, 2011, tali incident effettivament wassal ghal offiza gravissima izda ma hemm l-ebda prova fl-atti processwali li Alfred Zahra ma kienx jibqa' haj fl-eventwalità li l-*life support* ma gietx mitfija minn terzi.

**e. <u>Dwar il-piena</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti. L-esponenti temmen bis-shih illi l-piena ta' hames snin prigunerija fuqha mposta hija manifestament sporporzjonata ghalkemm fil-parametri tal-ligi.

**e.1 Generali**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li **"l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.**

**Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**[32]

L-istess Qorti fis-sentenza moghtija fil-kawzi ' Il-Pulizija vs Maurics Agius' [33] sahqet illi "h**uwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac- cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija."**

**e.2 L-Aspett Riformattiv tas-sistema gudizzjarja taghna**

Dak li kellha tikkunsidra l-Ewwel Qorti kien jekk kienux jezistu cirkostanzi [li effettivament kollox jindika li kienu jezistu] li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva iktar u iktar meta illum

---

[32] Ir-Repubblika ta' Malta vs rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna
[33] Deciza nhar it-13 ta' Novembru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex gie ritenut illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Stephen Spiteri' [34] sostniet illi:

**"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"**

Fid-dawl ta' dak li tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza supra-riferita l-appellanti bir-ragun tistaqsi:

---

[34] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

1. Ghalfejn fil-kaz taghha l-Ewwel Qorti emmnet illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta' prigunerija effettiva hija wahda adekwata u gusta meta il-veru skop tas-sistema gudizzjarja taghhna hija wahda riformattiva?
2. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-Ewwel Qorti emmnet li jehtieg li l-esponenti tirriforma ruhha, pero' hemm xi haga li effettivament jehtieg li tigi rifurmata?
3. Jezisti xi dubju, imqar wiehed zghir kemm hu zghir, illi dan l-incident stradali ma kienx u mhux sejjer ikun ta' rimors ghalija tul hajjitha kollha?
4. Ghandha ghalfejn tiskonta piena ta' prigunerija effettiva meta dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici?

Papa Frangisku fil-laqgha mal-prigunieri tas-6 ta' Novembru 2016 fl-okkazjoni tal- Gublew tal-Hniena qal:

**"Sometimes, a certain hypocrisy leads to people considering you only as wrongdoers, for whom prison is the sole answer. We don' t think about the possibility that people can change their lives; we put little trust in rehabilitation. But in this way we forget that we are all sinners and often, without being aware of it, we too are prisoners. At times we are locked up within our own prejudices or enslaved to the idols of a false sense of wellbeing. At times we get stuck in our own ideologies or absolutize the laws of the market even as they crush other people. At such times, we imprison ourselves behind the walls of individualism and self-sufficiency, deprived of the truth that sets us free. Pointing the finger against someone who has made mistakes cannot become an alibi for concealing our own contradictions."**

L-esponenti temmen illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-

kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

**e.3 Linji Gwida Dwar Sentenzi marbuta ma' incidenti tat-traffiku**

L-Archbold meta jitkellem dwar il-linji gwida dwar sentenzi marbuta ma' incidenti tat-traffiku li jwasslu ghall-imwiet jikkwota mid-dibattitu tal-*House of Lords* fejn intqal:

**"... it will mean that the families of those killed by careless drivers feel that the law is adequate to deal with the circumstances and that the justice system is on their side so that if, in all the circumstances, a court feels that custody is appropriate, it will be available. Of course, <u>there will be instances—probably the majority—where custody is not considered to be the most appropriate penalty.</u>"[35]**

Skond is-<u>*' Sentencing Guidelines Council – Causing Death By Driving' ,*</u> **"where the level of carelessness is low and there are no aggravating factors, even the fact that death was caused is not sufficient to justify a prison sentence."** Apparti l-fatt illi skond dawn il-linji gwidi, il-Qrati taghna irritenew ghal kemm il-darba illi f' kazijiet ta' offizi involontarji, il-piena ta' prigunerija effettiva mhiex wahda ekwa u gusta.

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet <u>"Il-Pulizija vs Ludwig Micallef"</u>[36] il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem illi: "**F' dan il-kaz il-Qorti hija sodisfatta**

[35] Fol. 15 ta' dawn il-linji gwida
[36] Deciza nhar l-1 ta' Marzu, 2012 per Onor. Imhallef M. Mallia

**illi l-appellant m' huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlihiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva"**

**e.4 L-applikazzjoni tal-artikolu 21 al-Kap 9 jew l-artikolu 7 tal-Kap. 446**

Kif inhu ben riferit iktar ' l fuq, l-esponenti temmen bis-shih illi l-piena ta' hames snin prigunerija ghall-offizi involontarji, ghalkemm taqa' fil-minimu tal-parametri tal-ligi, hija manifestament sporporzjonata.

Stante illi huwa impossibbli ghal-legizlatur li jipprevedi ic-cirkostanzi kollha li jistghu jezistu, l-istess legislatur, permezz tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddelega lill-gudikant setghat diskrezzjonali fejn l-istess gudikant ikun jista' jew' jaghti piena izghar mill-minimu stabbilt mil-ligi jew inkella bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijet ta' Malta minflok jaghti sentenza dwar il-hati, tordna ordni ta' *probation.*

L-artiklu 21 tal-Kodici Kriminali jistipula li: *Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista' , għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id- disposizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7.*

Inoltre l-artiklu 7(1) u 7(2) jistipulaw li: *Il-qorti tista' , bla hsara ghad-disposizzjonijit tas-subartikolu li gej, minflok taghti sentenza dwar il-hati,*

*taghmel ordni ta' probation, jigifieri, ordni li tkun tehtieg lill-hati li jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu li jigi specifikat fl-ordni ta' mhux inqas minn sena u mhux aktar minn tliet snin.*

*Kull ordni maghmula that is-subartikolu (1) ghandha biss issir jekk:*

*(a) persuna tigi dikjarata hatja ta' reat, li ma jkunx reat pubibbli biss b' multa jew ammenda, u ghax ma jkunx reat li apparti minn kull zieda fil-piena minhabba f' li jkun wiehed li jkompli jew f' dikjarazzjonijiet ta' htija precedent, li jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux iktar minn seba' snin; u*

*(b) il-qorti tkun sodisfatta li s-sorveljenza tal-hati minn ufficjal tal-probation tkun mihtiega fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-hati u, jew jigi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jaghmel il-hati jew li jigi prevenut l-ghemil ta' reati ohra; u*

*(c) Fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, il-hrug ta' dik l-ordni hi adatt.*

*Iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b' mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarraxi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xidikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti* ***tista' tagħmel ordni ta' probation [enfasi tal-esponenti]***

*…"*

Fl-umli fehma tal-esponenti, is-segwenti fatturi u ragunijiet specjali u straordinarji jimmilitaw a favur l-applikazzjoni ta' artikolu 21 tal-Kap 9 u/jew l-artikolu 7 tal-Kap 446:

**e.4.1. In-Negligenza Kontributorja tal-Ahwa Zahra**

Illi skond il-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq il-*' pedestrians'* jistghu jkunu responsabbli ghall-konsegwenzi kkagunati lilhom stess jew lil haddiehor minhabba nuqqas ta' osservanza tal-Ligi. Ghaldaqstant, sabiex jigu evitati tali kosegwenzi, huwa dmir ta' kull *pedestrian* illi jevita mixi bla hsieb fil-karreggjati kif ukoll mixi f' toroq anterjali. Dan ghaliex **"l-karreggjata qieghda l-ewwel u qabel kollox biex jghaddu minnha l-vetturi"**

Skond il-paragrafu 43 tal-Kodici ghat-traffiku fit-Triq, **"Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru ' l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x' imkien iehor"**

Tenut kont tal-fatt illi kemm il-Magistrat Inkwirenti fi stadju ta' inkjesta kif ukoll diversi esperti mahtura mill-Qorti[37] kkonkludew li **"hamsin metru (50m) l-fuq (lejn ir-Rabat minn fejn sehh l-impatt, kien hemm pelican lights u ghaldaqstant l-ahwa anzjani Zahra setghu mxew ftit passi ohra ' l fuq biex jaqsmu minn fuqhom"** l-esponenti ssosstni illi n-negligenza kontributorja tal-vittmi kellha sservi bhala raguni specjali u straordinarja li timmilita favur l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f' dan is-sens jikkomenta anke l-Antolisei[38]:

**"Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di**

[37] Vide fol. 4-6, fol. 121 u fol. 127-128 tal-Atti processwali
[38] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Generale 1989 Giuffre pagna 332

**compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell' altro ... Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell' ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della pena."**

**e.4.2. Fatturi ohrajn li jservu ta' ragunijiet specjali u straordinarji**

Fil-kaz odjern jezistu diversi fatturi ohrajn illi jinkwadraw taht it-terminu ta' "ragunijiet specjali u straordinarji." Primarjament ta' min jinnota illi l-esponenti hija ta' fedina penali netta u qatt ma kellha x' taqsam b' xi mod jew iehor mal-gustizzja. *In oltre* dan l-incident halla fuq l-esponenti effetti psikologici tant hu hekk illi, kif tistqarr hi stess taht gurament nhar il-15 ta' Gunju, 2016, hija damet xhur ma ssuq u llum il-gurnata issuq ghax il-qadi ta' kuljum bil-familja u t-tifla ma jippermettilix taghmel mod iehor. Barra minn hekk minhabba l-incident *de quo* l-esponenti waslet biex titlob trassferiment fil-post tax-xoghol. Fil-fatt l-esponenti stess tghid illi fiz-zmien tal-incident hija kienet tahdem Santa Venera u allura kien jehtiegilha ssuq ta' bil-fors. Madanakollu, wara li gara dan l-incident, l-esponenti talbet sabiex tibda' tahdem f' rahlitha stess sabiex ma jkolliex ghalfejn issuq ghax-xoghol.

Tant halla effetti psikologici koroh dan l-incident illi llum il-gurnata, anke meta l-appellanti tkun passiggiera f' xi vettura, ma sserrahx rasha qabel ma tasal fid-destinazzjoni finali. Lil hinn minn dawn l-effetti psikologici kollha, l-esponenti tant hasset ir-rimors ta' dan l-incident illi, kif tikkonferma Gabriella England stess fuq il-pedana tax-

xhieda nhar it-12 ta' Settembru, 2016, l-appellanti bieghet il-karozza involuta f' dan l-incident stante li ma riditx terga' taraha b' ghajnejha ahseb u ara ssuqha.

Apparti minn hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra l-fatt illi fiz-zmien tal-incident l-esponenti kien ghad kellha madwar 28 sena u li piena ta' prigunerija effettiva indubbjament taffetwa b' mod detrimentali l-karriera tal-esponenti fil-qasam tal-edukazzjoni stante li l-appellanti hija ghalliema.

Fuq skorta ta' gurisprudenza[39], l-esponenti ma tistax taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn din sostniet illi tali fatturi ma jaqghux that l-ambitu ta' raguniiet specjali u straordinarji li jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 jew xi eccezzjoni prevista fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Ghaldaqstant temmen li tenut kont tas-su espost kollu, il-Qorti kellha bizzejjed ragunijiet specjali u straordinarji sabiex tapplika artikolu 21 u allura taghti piena inqas mill-minimu stabbilit fil-ligi jew inkella taghmel ordni ta' *probation.*

## e.5 L-element ta' Proporzjonalita' bejn ir-reat u l-piena nflitta

L-appellanti, bhal kull persuna ohra tas-socjeta' , ghandha d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali taghha li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* hija hatja. Ghaldaqstant, l-esponenti m' ghandhix tkun suggetta ghal piena harxa u sproporzjonata. F' cirkostanzi li hija tigi suggetta ghal piena sproporzjonata, ikun hemm lezjoni tad-drittijiet taghha.

[39] Il-Pulizija vs Ian Mizzi, deciza nhar il-21 ta' Jannar, 2015 mill-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. M. Farrugia
Il-Pulizija vs Costantino Gouder deciza nhar is-7 ta' Dicembru, 2016 mill-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali per Mag. M. Farrugia

Artikolu 49(3) tal-**<u>Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>** jistipula li **"Is-severità tal-piena m' ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat."**

*Inoltre* l-artikolu 52 tal-istess document ikompli jispjega li **"Kull limitazzjoni fl-ezercizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta ghandha tkun prevista mil-ligi u ghandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla hsara ghall-principju ta' proporzjonalità, jistghu jsiru limitazzjonijiet f' dawk il-każijiet biss fejn ikun mehtieg u fejn genwinament jintlahqu l-objettivi ta' interess generali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-htieġa li jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn."**

Il-Linji gwida tal-Kunsill Ewropew jispjega artikolu 52 f' erba' elementi:

1. Il-limitazzjoni trid tohrog mil-ligi;
2. Tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet;
3. Jissodisfa l-interess generali jew jiproteggi d-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn;
4. Tkun suggett ghal principju tal-proporzjonalita`.

Sabiex wiehed jistabilixxi jekk piena tosservax il-principju tal-propozjonalita' jezistu diversi ezamijiet. Fil-fatt, il-**Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Fil-kaz odjern l-esponenti tistaqsi kif jista jkun piena ta' priġunerija bejn hames sa ghaxar snin hi wahda necessarja u proporzjonata ghal offizi involontarji? Fl-umli fehma tal-appellanti, it-twegiba hija fin-negattiv tant hu hekk illi tali piena tikser l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Apparti il-ksur tal-principju tal-proporzjonalita' , fid-dawl tac-cirkustanzi odjerni, il-piena hekk kif ordnata mill-Ewwel Qorti ma tissodisfax lanqas l-element ta' necessita' u dan stante li il-kaz *de quo* kien biss incident sfortunat li halla konsegwenzi tragici u piena ta' prigunerija effettiva ma hi ser sservi tal-ebda gid anzi jaf isservi ta' deni u tkompli thassar is-sahha psikologika tal-appellanti.

Il-principju ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u s-severita' tal-piena nflitta jemergi wkoll minn Sezzjoni A tal-artikolu 4 tar- ' ***Recommendation No.R (92) 17 - Of The Committee Of Ministers To Member States Concerning Consistency In Sentencing'*** . Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbillixu l-bazi logika ghall-piena kif ukoll jistabbilixxu mizuri u linji gwida sabiex jinholoq il-bilanc tas-serjeta' u severita' tar-reat u l-piena. Sezzjoni A tal-artikolu 6 tistipula li:

**"Sentencing rationales should be consistent with modem and humane crime policies, in particular in respect of reducing the use of imprisonment, expanding the use of community sanctions and measures, pursuing policies of decriminalisation, using measures of diversion such as mediation, and of ensuring the compensation of victims.**"

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, apparti ghall-element kwantitattiv tal-piena, jaghmlu referenza wkoll ghall-aspett kwalitattiv tal-piena fejn fl-artikolu 5 jinghad:

*"a. Custodial sentences should be regarded as a sanction of last resort and should therefore be imposed only in cases where, taking due account of other relevant circumstances, the seriousness of the offence would make any other sentence clearly inadequate. Where a custodial sentence on this*

*ground is held to be justified, that sentence should be no longer than is appropriate for the offence(s) of which the person is convicted. Criteria should be developed for identifying the circumstances which render offences particularly serious. Wherever possible, negative criteria to exclude the use of imprisonment, in particular in cases involving a small financial loss, may be developed.*

*b. The introduction of legislative restrictions on the use of custodial sentences, in furtherance of paragraph a, should also be considered, in particular as regards short-term custodial sentences.*

*c. In order to promote the use of non-custodial sanctions and measures, and in particular where new laws are created, the legislator should consider indicating a non-custodial sanction or measure instead of imprisonment as a reference sanction for certain offences."*

Ghalkemm lik-kalibrar tal-piena jaqa' taht il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' wahda jehtieg li tkun wahda proporzjonata. Dan johrog bic-car fil-kas, **Ute Reindl, ipprezenttat minn MPREIS Warenvertriebs GmbH v Bezirkshauptmannschaft Innsbruck,** deciza nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti qalet,

**"According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance**

**and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive.**

**In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation; when there is a choice between several appropriate measures, recourse must be had to the least onerous, and the disadvantages caused must not be disproportionate to the aims pursued (see, judgment in Urbán, Case C-210/10, EU:C:2012:64, paragraph 24 and the case-law cited).**

**In order to assess whether a penalty is consistent with the principle of proportionality, account must be taken of, inter alia, the nature and the degree of seriousness of the infringement which the penalty seeks to sanction and of the means of establishing the amount of the penalty (see judgment in Equoland, C-272/13, EU:2014:2091, paragraph 35).”**

Fil-fatt, hekk kif jghid tajjeb l-awtur Profs. Dr. Albin Eser fil-kitba ntitolata ‘ *Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights’* ,

**“On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the wrong and the individual severity of blame- worthiness have a particular meaning. In every single case it has to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the**

**<u>objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned.”</u>**

Illi f’ dan ir-rigward jidher bic-car illi l-piena nflitta ta’ hames snin prigunerija effettiva huwa sporporzjonat; dan wara li wiehed iqis is-severita u serjeta tar-reat u dan ghad-detriment tal-interess tal-esponenti Fil-fatt il-piena eccessiva ta’ piena karceraja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tinfliggi, ma tistax tigi kkunsidrata bhala piena adekwata sabiex l-imputata tirriforma ruha u ghaldaqstant, l-appellanti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tinfliggi piena aktar gusta u ekwa.

**e.6. dwar l-iskwalifika tal-licenza tas-sewqan**

Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Qorti, l-ezekuzzjoni tal-iskwalifika ma hijiex skond il-ligi u dana stante li dak li ordnat dik il-Qorti cioe` li l-iskwalifika tibda tiddekorri minn meta l-esponenti tkun skontat il-perijodu ta’ prigunerija, jmur kontra u jikser il-vot tal-artikolu 60(i) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kwindi l-esponenti anke f’ dan ir-rigward titlob tibdil fil-piena mposta[40].

Ikkunsidrat,

Illi l-bixra li ha dan l-appell intentat mill-appellanti kien wiehed kemmxejn differenti fejn gie awtorizzat is-smigh ta’ xhieda godda issa fi stadju ta’ revizjoni, xhieda okulari ghas sinistru stradali mertu ta’ din il-vertenza li taw xi ftit jew wisq konfort lit-tezi prospettata mill-appellanti u li l-Ewwel Qorti sfortunatament ma kellhiex ix-xorti li tisma’. Illi dawn iz-zewg xhieda ghalkemm prezenti dak in-nhar fuq ix-xena ta’l-incident u ghalkemm mitkellma mill-pulizija, madanakollu qatt ma ingiebu biex jixhdu mill-prosekuzzjoni billi jidher illi dak in nhar ta’l-incident ma kenux gew interrogati n-nies kollha li kienu prezenti u li allura setghu jitfhu xi dawl fuq

[40] vide, *passim*, is-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lawrence Azzopardi” decia nhar it-23 ta’ Jannar 2003.

id-dinamika ta'l-incident biex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tistrieh fuq il-provi indizzjarji li ingabbru matul l-*in genere*. Dan ghaliex ukoll l-appellanti ftit li xejn titfa' dawl fuq dak li sehh billi tishaq illi hija indunat b'dawn iz-zewg utenti tat-triq hekk kif laqtithom bil-vettura taghha.

Mhux biss izda issa ukoll fi stadju ta' revizjoni l-appellanti tqanqal id-difiza dwar in-nullita ta'l-akkuza billi din fil-fehma taghha tindika post differenti fejn sehh l-incident bhala Triq l-Imdina, Attard, meta is-sinistru sehh gewwa Triq Iz-Zaghfran, b'Triq l-Imdina tibda iktar 'il fuq.

Illi kif jindika l-espert artkitett Richard Aquilina li hejja l-pjanta tal-post fejn ittajjru l-ahwa Zahra mill-vettura misjuqa mill-appellanti:

***"Dan l-incident kien gara fil-karreggati li minn H'Attard jaghtu ghar-Rabat, fejn tispicca Triq iz-Zaghfran u tinghaqad ma' Triq l-Imdina. F'dak il-post hemm zewg karreggjati fuq kull naha ta' bicca art bil-hamrija, forma ta' feles.***"

Kwindi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellanti qed iggebbed ir-regoli tal-procedura meta tishaq illi hemm nullita fl-imputazzjonijiet minhabba f'din ir-raguni ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l-post fejn sehh l-incident huwa precisament kif indikat mill-perit arkitett, madanakollu huwa indubitat illi meta l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-appellanti b'akkuzi marbuta mal-qtil u feriment involontarju ta' tnejn minn nies fejn hemm indikat id-data u il-hin meta sehh l-incident mertu tal-kaz bl-ebda tigbid ta'l-imaginazzjoni ma jista' jinghad illi l-post huwa indikat hazin bhala Triq l-Imdina, meta l-impatt bejn il-vettura u il-*pedestrians* sehh proprju vicin dak il-punt fit-triq fejn Triq iz-Zaghfran tinghaqad ma' Triq l-Imdina. Fil-fatt l-indirizz ta'l-ewwel binja li hemm f'dik il-parti tat-triq ftit 'il fuq minn fejn gara l-incident u cioe' l-istabbiliment ta'l-*Art at Home*, huwa Triq l-Imdina u mhux Triq iz-Zaghfran. Kwindi din l-ewwel lanjanza ma jisthoqqilhiex akkoljiment.

Illi l-aggravvju ewlieni imbaghad imqanqal mill-appellanti idur madwar l-apprezzament tal-provi li hemm fl-atti u li sar mill-Ewwel Qorti. Issa ghalkemm bhala regola dina l-qorti ta' revizjoni qajla iccaqalaq l-

apprezzament li ikun gie maghmul in prim'istanza sakemm dan jkun wiehed ragjonevolment u legalment ghaqli, madanakollu, kif din il-Qorti ippuntwalizzat fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet taghha, f'dan l-istadju ta' revizjoni instemghu zewg xhieda okulari li tefghu dawl siewi fuq id-dinamika ta' dan is-sinistru stradali bl-ewwel xhud tindika ezattament il-post minn fejn qassmu l-ahwa Zahra biex b'hekk tnehha kull dubbju li giet rinfaccjata bih l-Ewwel Qorti dwar fejn kienu dawn it-tnejn minn nies qabel ma sfaw imtajjra mill-vettura tal-appellanti, u xhud iehor li kien xhud tal-vizwali tat-triq fil-mument li ippreceda l-impatt.

Ibda biex ix-xhud Elaine Agius, li fiz-zmien dan is-sinistru kienet tahdem fl-istabbiliment tal-Gold Market li jinsab ftit 'il fuq minn fejn sehh l-incident, tixhed illi dak in-nhar hija kienet harrget barra il-hanut fejn tahdem sabiex tpejjep sigarett. Osservat u xehdet fl-inqas dettall dak li rat. Tghid illi faccata taghha fuq ic-*central strip* u cioe' f'dik il-feles fit-triq fejn hemm il-hamrija u is-sigar lemhet zewg anzjani, ragel u mara, bir-ragel qieghed izomm lil mara mill-polz ta' idha. Fl-id l-ohra tiftakar illi dan ir-ragel kellu basket. F'dak il-mument izda tghid li dahhlet lura gewwa l-hanut meta imbaghad sehh l-incident biex b'hekk allura hija ma ratx dak li sehh. Tghid illi dawn iz-zewg anzjani gibbdulha l-attenzjoni ghaliex bdiet tistaqsi bejnha u bejn ruhha ghalfejn kienu jinstabu f'dik il-parti ta' din it-triq tant traffikuza u perikoluza.

Ix-xhud l-iehor Tonio Fenech, kien qieghed iktar 'l isfel fit-triq u cioe' kien jinstab f'vettura misjuqa dak iz-zmien mix-xufier tieghu u riekba fuq wara kien hemm bintu. Jiftakar allura li kien riekeb fuq is-seat tal-passiggier u il-vettura kienet tinsab man-naha tal-bankina lesta biex iddur minn Triq iz-Zaghfran mal-AFS Limited li hemm fil-kantuniera biex imbaghad jerhulha lejn Triq l-Imdina, fid-direzzjoni lejn Birkirkara, fejn illum allura hemm it-*traffic lights*. Jiftakar illi fuq in-naha ta' barra tal-vettura fejn kien riekeb u allura biswitu, kien hemm vann abjad li ukoll kien ser idur fl-istess direzzjoni. Kif dan il-vann ghadda minn mal-vettura li kien riekeb fiha, f'dawk il-ftit sekondi kellu vziwali ta' dak li kien qed isehh ftit 'il fuq hdejn ic-*central strip* fid-direzzjoni lejn ir-Rabat fejn jara zewg persuni fin-nofs tat-

triq u vettura li kienet ghada kemm ghaddiet minn mieghu hekk kif dar il-vann (u li allura kienet gejja minn wara dan il-vann), liema vettura laqtet lil dawn in-nies, ghollliethom u spiccaw jitgerbu mal-art.

Dawn l-fattispecje allura jikkombacjaw ma' dak li tixhed l-appellanti meta tghid illi quddiemha kien hemm vann qed jinstaq u li l-ahwa Zahra qassmu proprju minn fuq ic-*centre strip* fejn hemm il-hamrija. Illi allura issa stabbiliti dawn il-fatti probatorji godda jirrizultaw is-segwenti fatturi inkonfutabbli:

1. Il-vittmi kienu qed jaqsmu t-triq minn post fejn lanqas ghandu jirfes *pedestrian* tant illi f'dik il-parti tac-*centre strip*, fejn dawn intlemhu ser jaqsmu mix-xhud, hemm il-hamrija, pjanti u sigar mizrugha tant ghalhekk illi mhux mistenni illi f'dik il-parti ikun hemm xi utenti tat-triq. Illi tenut kont tal-fatt illi l-ahwa Zahra kienu bi hsiebhom jerhulha ghal ghand Cassar il-*printer* li jinstab gewwa Triq il-Hafura, triq li hija paralleli ghal Triq l-Imdina, jaghmel sens illi dawn it-tnejn minn nies riedu jaqssmu Imdina Road biex imbaghad jipprocedu lejn id-destinazzjoni taghhom. Il-post, izda, minn fejn ghazlu li jaqssmu it-triq xejn ma kien indikat u ghaqli.

2. Gie stabbilit ukoll, issa fi stadju ta' revizjoni, illi quddiem l-appellanti kien qed jinsaq vann li allura seta' ostakolalha xi ftit il-vista ta' dak li kien hemm quddiemha fis-sewqan taghha. X'aktarx illi fil-vista taghha ukoll kellha l-impediment tax-xemx gejja mil-faccata taghha f'dak il-hin u dan kif jikkonstata l-espert fl-inkjesta.

3. L-appellanti tghid illi fl-ebda mument qabel l-impatt ma indunat bil-presenza taz-zewg anzjani li kienu qed jaqssmu it-triq u rathom biss mal-impatt, ghalkemm dawn kienu gja wasslu lejn nofs it-triq.

4. Illi l-impatt mal-vittmi kien wiehed kbir tant illi l-*windscreen* tal-vettura inkissret, bil-vittmi joghlew ghal fuq is-saqaf tal-vettura, jitkaxxkru ghal isfel mal-bagoll u jispiccaw fit-triq wara il-vettura ta'l-appellanti, li twaqqaf il-vettura taghha ftit iktar 'il fuq.

5. Il-kundizzjoni tat-triq kienet wahda tajba, bl-art xotta, izda skont l-espert nominat f-inkjesta bix-xemx fil-faccata.

Issa l-abbli difensur ta'l-appellanti jishaq illi t-tort ghal dan is-sinistru stradali jistrieh fuq l-ispalla tal-vittmi u mhux fuq l-appellanti u semmai jekk jirrizulta xi *culpa* fl-agir ta'l-appellanti dan huwa wiehed hekk imsejjah '*laevissimo*' li jezoneraha minn kwanunkwe responsabbilta' penali.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu qabel xejn jigi investit il-kwezit dwar x'inhi r-r-responsabbilta tal-*pedestrian* fit-triq meta imqabbel ma' dawk tas-sewwieq qabel ma tinoltra ruhha fil-kwestjoni dwar x'ighid id-dritt penali taghna dwar il-*culpa* u il-grad ta' prudenza mistenni mis-sewwieq fis-sewqan prudenti.

Ibda biex kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, "*driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*(App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-*

*konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Thornton**" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)[41]."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' *pedestrian* jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*""

Il-Qorti kompliet tghid:

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd.**" [1968].

Arginati ghalhekk dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, li ghamlet ukoll referenza ghalihom l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha

---

[41] Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007 – App.Inf

'emergenza subitanea' li tinholoq mill-*pedestrian* meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh.

U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-*culpa* tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:

"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. *la volontarieta dell'atto;*
2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3. *la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)[42]"

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-*culpa*, "*... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere.*"

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

[42] Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990,

L-Antolisei, izda jimxi pass ‘il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta’l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta’l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta’ dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

*“Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline).*

*Quindi occorrono due requisiti:*

*a) la violazione di una regola;*

*b) che l’evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*

*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.”*

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta’l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita’ biex b’hekk il-*culpa* fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f’erba elementi:

1. *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2. *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3. *l’evitabilità dell’evento mediante l’osservanza di tale regola;*
4. *la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*[43]

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta’ emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta’ qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta’ diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta’ negligenza,

[43] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Stabbiliti kwindi dan l-insenjament mghoddi lilna mill-gurisprudenza u mill-awturi ghorriefa fil-kamp penali u imqabbla mal-fatti probatorji kif elenkati iktar 'il fuq ghandu johrog car illi ghalkemm huwa indubitat illi l-ahwa Zahra poggew ruhhom f'sitwazzjoni ta' periklu tant illi kienu qed jaqsmu triq traffikuza, li titqies bhala '*a main thoroughfare'*, madanakollu l-appellanti ma tistax tezimi ruhha mir-responsabbilta penali billi l-inosservanza tar-regoli tal-komportament mistenni minnha fis-sitwazzjoni tat-traffiku, kif prezentat lilha f'dak il-mument fil-fehma ta' din il-Qorti, ikkontribwixxa ghal dan l-event dannuz, li certament ma jistax jaqa' fir-relm tal-kaz fortwit u dan kif ser jigi spjegat.

Ibda biex gie stabbilit issa b'mod inkontestat illi quddiem il-vettura ta'l-appellanti kien hemm vann, liema vann ghazel li idur lejn l-inkrocju fejn jinsab l-istabbiliment ta'l-AFS. Dan kien ifisser illi, kif diga inghad, il-vizwali tal-appellanti setghet kienet ostakolata, kif *del resto* jixhed ukoll ix-xhud Tonio Fenech li ta dettalji dwar dawk il-fatti li ipprecedew l-investiment taz-zewg anzjani. Illi fattur determinanti bhal dan allura kellu ifisser ghal sewwieq prudenti illi ghandu jirrallenta sabiex b'hekk ikun jista' jara ahjar dak kollu li hemm madwaru, fuq kull naha tat-triq, u anke dak li jista' jipprezenta ruhu quddiemu hekk kif dan l-ostakolu jitnehha mill-vizwali tieghu. Issa fil-fehma ta' din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, mill-provi indizzjarji li hemm fl-atti ma jidhirx illi l-appellanti ghamlet dan. Xhieda tal-i*speed* li kienet ghaddejja bih l-appellanti hija principalment il-fatt illi d-daqqa fuq il-vettura mal-impatt bejnha u il-vittmi ta' dan l-incident kien tant kbir li sahansitra il-vittmi jispiccaw jitghajjru ghal fuq il-vettura bil-*windscreen* jinkser fuq dik in-naha fejn sehh l-impatt. Illi huwa hawnhekk allura li l-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti meta tghid illi hija kienet wieqfa wara il-vann, ghaliex li kieku hija kienet ghadha ser taqla' bil-*gear* baxx minn warajh ghal distanza qasira fejn kienu il-vittmi, certament l-impatt kien ikun ferm izghar u certament mhux wiehed fatali. Il-Qorti issib konfort f'din il-konkluzjoni minnha raggunta mill-filmat tac-CCTV esebit in

atti mehud mill-istabbilment tal-Gold Market li juri illi f'dawk il ftit minuti li ipprecedew l-incident ma jidhirx illi kien hemm xi traffiku wieqaf fit-triq, izda kien piuttost wiehed mexxej bil-vetturi jirrallentaw xi ftit biss meta iduru mal-istabbiliment tal-AFS direzzjoni fejn illum hemm it-*traffic lights* u 'l fejn kien sejjer il-vann. Illi ghal din il-Qorti huwa evidenti ghalhekk illi l-appellanti kellha l-attenzjoni taghha momentarjament mdghajfa ghal xi raguni bil-konsegwenza li kienet tant distratta illi lanqas rat lil tnejn minn nies li kienu qeghdin f'nofs it-triq. Tghid fil-fatt l-appellanti illi hija lanqas indunat bihom qabel ma hasset id-daqqa, fatt li jindika illi hija ma kenitx attenta bizzejjed b'tali mod li allura setghet tevita l-impatt.

Tant hu hekk illi x-xhud Fenech, li kien riekeb f'vettura li kienet qed tbiddel it-trajjetorja taghha mill-vizwali diretta ta' dawn it-tnejn minn nies, u kellu l-vann jostakolalu xi ftit il-vista, ukoll ighid illi ghal dawk il-ftit sekondi huwa induna b' dawn in-nies f'nofs ta' triq tant illi hekk kif ghaddiet il-vettura tal-appellanti minn mieghu huwa minnufih irrealizza illi din kienet ser ittghajjarhom. Illi allura bl-istess mod l-appellanti kellha tinduna b'dawn it-tnejn minn nies f'nofs ta' triq u li kieku s-sewqan taghha kien iktar prudenti u galbat certament setghet taghmel xi manuvra biex tipprevjeni dan is-sinsitru jew ghal ta'l-inqas timminimizzah. Illi din il-Qorti tazzarda tghid ukoll illi l-konfigurazzjoni ta' Triq iz-Zaghfran qabel ma tinghaqad ma' Triq l-Imdina, hija wahda xi ftit ghat-telgha, tant ghalhekk illi anke jekk wiehed ikollu vettura quddiemu jista' jara fil-boghod dak kollu li qed jipprezenta ruhu fil-vizwali wiesgha tieghu. Illi allura hawnhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti li l-appellanti hija responsabbli ghal dan is-sinistru stradali ghal motivi spjegati hawn fuq. Din ma kenitx sitwazzjoni ta' kaz fortwit li allura jaqa' fir-relm tal-*culpa laevissima* li tista' twassal biex tezonera lill-appellanti minn kwalunkwe responsabbilta'.

Li ma taqbilx din il-Qorti, madanakollu, mal-Ewwel Qorti, issa li ghandha stampa aktar cara ta' dak li sehh, huwa dwar il-grad ta' negligenza kontributorja tal-vittmi, u dan biss ai fini ta' piena billi din ma tistax tezonera lill-appellanti mir-responsabbilta' penali. Illi huwa inspjegabbli ghal din il-Qorti r-raguni li wasslet lill-ahwa Zahra jaqsmu triq daqshekk

perikoluza u traffikuza minn fuq *central strip* li tinsab ukoll f'inkrocju, u dan meta kemm iktar 'l fuq, kif ukoll iktar 'il isfel hemm sett *pelican lights* installati appozitament fit-triq sabiex ighinu lill-*pedestrian* jaqsam bl-inqas periklu ghalih. Din id-decizjoni xejn ghaqlija u fil-fehma ta' din il-Qorti avventata sfortunatament swiet lil dawn it-tnejn minn nies l-oghla prezz - il-prezz tal-hajja umana. Kwindi din il-Qorti tqies illi l-appellanti ghandha tgawdi minn piena imnaqqsa minhabba f'din in-negligenza kontributorja ta' dawn iz-zewg vittmi li ghogobhom iqieghdu hajjithom f'periklu car.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet dwar ir-responsabbilta ghal dan is-sinistru, jifdal lil Qorti sabiex tqies l-ahhar aggravju, apparti dak tal-piena, li huwa wiehed ta' natura legali. Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jidher illi gie indikat id-dispost ta'l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali bhala dak li tahtu tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputata u mhux ukoll l-artikolu 226. L-appellanti allura tikkontendi illi ghalkemm b'dan ir-rinviju hija ghandha twiegeb ghar-reat tal-omicidju involontarju ta' Alfred Zahra, madanakollu ma gietx imsejjha ukoll biex twiegeb ghall-akkuza tal-offiza involontarja fuq il-persuna ta' Carmela Zahra billi dan ir-reat huwa mahsub fl-artikolu 226, liema disposizzjoni tal-ligi giet ommessa mill-Avukat Generali. Tghid ukoll illi lanqas l-aggravvanti ghar-reat mahsub fis-sub-inciz 2 ghall-artikolu 225 ma hu indikat u kwindi l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplikah meta giet biex teroga l-piena inflitta ta' hames snin prigunerija.

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju tat-13 ta' Novembru 2015, l-Avukat Generali, fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, baghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kaz jigi iggudikat mill-Qorti bhala dik issa ta' Gudikatura Kriminali, ghar-reati mahsuba fl-artikoli 225 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 226 tal-Kap.9 ma huwiex indikat.

Issa meta "***ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal***

***dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. ..[44]"***

Illi l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li ghandu ikun fiha l-att ta'l-akkuza meta fis-sub-inciz (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza hemm dispost illi l-Avukat Generali "*ghandu fisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar,* ***flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena****.*"

Ikompli s-sub-iniz (c) hekk meta jitkellem fuq il-part akkuzatorja ta'l-att ta'l-akkuza meta hemm dispost illi din tikkostitwixxi:

***"ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."***

Mela allura fil-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza l-Avukat Generali ghandu jindika c-cirkostanzi kollha ta' fatt li jistabilixxu r-reat u isemmi ic-cirkostanzi li jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena u allura jirrendu ir-reat iktar gravi, madanakollu imbaghad fil-parti akkuzatorja huwa bizzejjed illi jigi indikat l-artikoli tal-ligi li jikkontempla ir-reat. Dan x'aktarx ghaliex huwa rimess ghal gudizzju tal-gurija popolari biex jiddeciedu jekk il-fatti esposti mill-Avukat Generali jirrizultawx ippruvati mill-evidenza li tingieb waqt il-guri, fejn imbaghad il-kwistjoni dwar il-piena li ghandha tigi erogata f'kaz ta' sejbien ta' htija ghal fatti kif decizi mill-gurati tigi, imhollija f'idejn l-Imhallef togat.

---

[44] Il-Pulizija vs Michael Carter – 07/12/2001 App.Krim

Ekwiperata n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma'l-att ta'l-akkuza allura huwa bil-wisq evidenti illi huwa bizzejjed illi l-Avukat Generali jindika l-artikoli tal-ligi li jikkontempla r-reat u dan kif hemm indikat b'mod specifiku fl-artikolu tal-ligi su-iccitat. Issa huwa minnu illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma fijiex dik il-parti narrattiva bhalma fiha l-att ta'l-akkuza, izda l-indikazzjoni tal-fatti tal-kaz johorgu mill-imputazzjonijiet kif originarjament mfassla kontra l-imputat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri*" deciza 18 ta' April 2012 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta gie deciz illi:

"*Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda* ***l-fattispecji partikolari*** *tal-kaz.*"

Dan ghaliex, kif inghad ghalkemm in-nota ta' rinviju ghal gudizzju hija imqabbla mal-att ta'l-akkuza, madanakollu fiha hija mankanti dik l-parti narrattiva bhalma hemm fl-att ta'l-akkuza li titkellem dwar il-fattispecje tal-kaz li abbazi taghhom huma imsejjsa ir-reati li jigu hemmhekk imputati.

Issa fl-akkuza migjuba kontra l-appellanti jirrizultaw il-fattispecje ta' dan il-kaz u cioe' illi l-appellanti l-omicidju involontarju ta' Alfred Zahra u ukoll l-offiza involontarja fuq il-persuna ta' Carmela Zahra. Illi ir-reat tal-qtil involontarju huwa ikkontemplat fil-ligi penali taghna fl-artikolu 225 tal-Kap.9, bir-reat tal-offiza involontarja imhaddan fl-artikolu li isegwieh u cioe' l-artikolu 226 u dan kif hemm indikat fin-noti marginali hdejn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Huwa indubitat ghalhekk illi id-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat tal-offiza involontarja huwa l-artikolu 226. Tant hu hekk illi fl-akkuza, ghal xi raguni inspjegabbli l-appellanti tigi mixlija bir-reat tal-offiza involontarja ta' Carmela Zahra ghal mhux anqas minn tlett darbiet bit-tielet akkuza allura tigi arginata fit-termini ta'l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali, u ir-raba akkuza tinkludi l-aggravvanti tal-eta' fit-termini ta'l-artikolu 222A(1), minn liema akkuzi l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni billi l-artikoli 226 u 222A ma jigux indikati fir-rinviju ghal gudizzju. Illi allura bl-ebda tigbid ta'l-imaginazzjoni ma jista' jinghad illi id-dicitura tas-sub-inciz 2 ghall-artikolu 225 li jitkellem dwar il-piena ghar-reat

tal-omicidju involontarju, meta dan huwa akkompanjat bi qtil iehor jew offiza fuq il-persuna, qieghed johloq ir-reat innifsu tal-offiza, ghaliex altrimenti l-artikolu 226 jigi superfluwu. Illi lanqas ma jista' jinghad illi l-artikolu 225(2) johloq xi reat gdid *sui generis* u li allura kien jintitola lill-Prosekuzzjoni tixli lill-appellanti bih separatament minn dak tal-offiza involontarja taht l-artikolu 226, kif fil-fatt ghamlet! Kif donnha il-Prosekuzzjoni hassbet ukoll illi jinholoq xi reat gdid bil-fatt illi jezisti l-aggravanti mahsub fl-artikolu 222A u allura regghet irrepetiet l-istess imputazzjoni fir-raba akkuza b'din l-aggravvanti issa mizjuda! Illi ghalhekk hawnhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti qabilha billi dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu dwar il-piena ma jistghu qatt jigu imfixxkla mal-ligi li tohloq ir-reat innifsu. Illi allura kienet mankanza ta'l-Avukat Generali meta rinfaccjat bil-fatti ta' dan il-kaz illi jonqos milli jindika car u tond fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-artikolu 226, u li allura jixli lill-appellanti ukoll bir-reat tal-offiza involontarja. Tant hu hekk illi l-Ewwel Qorti dan in-nuqqas irrimarkatu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni. Illi f'dawn ic-cirkostanzi fejn il-mankanza tirrizulta car u tond min-nota ta' rinviju ghal gudizzju, din il-Qorti ma tistax hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjoni li titkellem dwar l-offiza involontarja fuq il-persuna ta' Carmela Zahra.

Illi stabbilit dawn il-mankanzi proceduràli din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghafejn tinoltra ruhha fl-aggravvju l-iehor dwar in-nuqqas ta' indikazzjoni fir-rinviju tas-sub-inciz (2) ghall-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali gjaldarba ser tigi ikkonfermata l-htija biss ghar-reat tal-omicidju involontarju.

Illi finalment fir-rigward tal-kalibrazzjoni tal-piena li ghandha tigi erogata fil-konfront ta'l-appellanti fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti trid necessarjament tvarja il-piena inflitta ghal diversi ragunijiet. Ibda biex kif inghad ser tigi ikkonfermata biss il-htija ghall-ewwel u il-hames imputazzjoni. Illi ukoll din il-Qorti ser tqies in-negligenza kontributorja tal-vittma ghal dan is-sinistru stradali fejn sfortunatament huwa spicca tilef hajjtu. Illi inoltre l-parti leza f'dawn il-proceduri, eredi tal-mejjet Alfred Zahra, iddikjara quddiem il-Qorti illi hemm qbil illi piena karcerarja effettiva

f'dan il-kaz ma hijiex idonja. Din il-Qorti taqbel perfettament tenut kont ukoll tal-fatt illi l-appellanti iddispjacieha ghal akkadut u ghandha fedina penali nadifa. Finalment din il-Qorti izzid illi f'dawn ic-cirkostanzi fejn il-kundanna ser tigi varjata u ser tinstab htija biss ghar-reat tal-omicidiju involontarju, ma isibx applikazzjoni is-sub-inciz(2) ghall-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, li gie applikat mill-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena fil-konfront ta'l-appellanti fejn allura f'dak iz-zmien il-minimu tal-piena kienet dik ta' hames snin prigunerija li giet erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza impunjata billi tikkonfermaha fejn l-appellanti giet misjuba hatja ta'l-ewwel u il-hames imputazzjoni, fejn l-Ewwel Qorti atsjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u ir-raba imputazzjonijiet, u fejn l-appellanti giet ikkundannata thallas l-ispejjez tal-esperti fl-ammont ta' €2401.77 lir-Registratur tal-Qorti, tvarjaha fejn instabet htija ghat-tieni imputazzjoni u fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ukoll ta' dina l-imputazzjoni, tvarja ukoll il-piena inflitta fejn minflok dik ta' hames snin prigunerija tikkundanna lill-appellanti ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. L-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan fit-termini ta'l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tkun ghal perijodu ta' sena dekoribbli mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur